

# Attività Mużikali Reliġjuża Qormija Antika L-Aħwa Balzano

*Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.*

Li Ħal Qormi u l-mużika bandistika jimxu flimkien huwa fatt illi kull min iħobb il-festi jista' jaċċettah u jifhmu. Ċerti għajduti dwar Ħal Qormi fejn tidħol il-kultura mużikali bandistika, bħal *jekk taqa' borma l-folla toħroġ għax taħseb li ġejja l-banda* huma komuni fost diversi Maltin. Dan l-aħħar, kont għaddej b'riċerka (għax kif tgħidli marti *m'għandix kwiet*) illi ħaditni lura lejn il-bidu tal-istorja tal-mużika sagra f'pajjiżna, u għalhekk mort lura sas-Seklu Tlettax. Il-mużika sagra Maltija kif nafuha llum bdiet tifforma, madankollu għall-ħabta tas-Seklu Sittax, u għalhekk meta pajjiżna beda jidħol f'kultura Ewropea bil-miġja tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann.

Dan iż-żmien ta bidu għal żmien rikk ferm fejn tidħol il-mużika sagra, b'żewġ *cappelle* prinċipali; dik tal-Katidral tal-Imdina, illi kienet taqa' taħt it-tmexxija Veskovili u dik tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, immexxija mill-Ordni tal-Kavallieri. Kien fi żmien il-Ħakma tal-Imperu Ingliż fis-Seklu Dsatax illi din il-knisja saret Konkatidral. Meta ngħidu *cappella*, inkunu qegħdin infissru grupp ta' vuċijiet ikantaw madwar orgni jew numru ta' strumenti taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur, imsejjaħ il-*Maestro di Cappella*, ġeneralment l-organista nnifsu. Dawn iż-żewġ *cappelle* kienu jikkompetu kontra xulxin. Il-*cappella* tal-Imdina twaqqfet lura fis-snin filwaqt illi dik ta' San Ġwann permezz tal-Kavallieri. Sal-bidu tas-Seklu Sittax, il-*cappella* tal-Katidral tal-Imdina kienet titmexxa dejjem minn *Maestro di Cappella* barrani, aktarx Sqalli, u dan minħabba li Malta kienet marbuta mad-Djoċesi ta' Sqallija, madankollu, fis-sena 1616 twieled Giuseppe Balzano (Balsano) illi kellu jkun l-ewwel *Maestro di Cappella* Malti tal-Katidral tal-Imdina; mhux biss *Maestro di Cappella* Malti, iżda *Maestro di Cappella* Malti ta' nisel Qormi.

L-idjoma mużikali miktuba f'dik l-epoka kienet dik Barokka, idjoma li laħqet il-qofol tagħha fi żmien Johann Sebastian Bach aktar tard fis-Seklu Tmintax, u propju Giuseppe u ħuh Domenico ħaddmu dik l-idjoma ta' dik l-era. Nissuġġerilkom illi tidħlu fuq *youtube* (l-artiklu ma jinkludi l-ebda tqegħid tal-prodott) issegwu fosthom is-silta *Adiuro Vos* ta' Domenico Balzano u tapprezzaw l-istil - anke jekk mhux favorit magħkom - ta' din l-epoka storika. It-tessitura (binja) mużikali Barokka tipprovdi kuntrasti mużikali kumplessi u li diversi drabi jikkuntrastaw flimkien, bħal ngħidu aħna

*ikompli f'paġna 100*

silta *allegro* (mgħaġġla u ferrieħa) segwita minn moviment korali polifoniku (il-vuċijiet ikantaw ilkoll noti differenti) b'temp iktar kajman.

Fiż-żmien illi qegħdin insemmu, jiġifieri s-Seklu Sbatax kienu se jibdew ikunu implimentati r-Riformi Tridentini, u għalhekk l-Isqof Fra Baldassere Cagliares ra li dawn ir-riformi jseħħu anke f'pajjiżna. Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani fejn jidħlu vuċijiet, kellhom jinġiebu vuċijiet mill-Italja. Dawn il-vuċijiet kienu jinkludu vuċijiet ta' *castrati*. Dawn kienu jaqdu l-funzjoni li llum jaqdu l-vuċijiet femminili, minħabba li f'dak iż-żmien vuċijiet irġiel biss kienu permessi li jkantaw fil-knejjes.

Il-Kapitlu tal-Katidral sab lil dan is-saċerdot, Don Giuseppe Balzano, Malti li iżda ġie ordnat saċerdot f'Catania sabiex irieġi l-*cappella* tal-Katidral tal-Imdina. F'Catania, Giuseppe kompla wkoll japprofondixxi l-istudji mużikali tiegħu. Il-ħatra seħħet nhar il-5 ta' Novembru 1660, dsatax-il sena wara li l-istess persuna kien offrut l-istess pożizzjoni fil-Knisja Konventwali ta' San Lawrenz Levita Martri fil-Birgu, ħatra li ma tħalliex jeħodha minħabba l-oppożizzjoni tal-Isqof Miguel Balaguer.

It-talent ta' Giuseppe Balzano jissokta joħroġ fid-dieher minħabba li regolarment kien ikun ikkummissjonat sabiex jidderieġi u jikkomponi l-mużika għal żewġ korijiet, jiġifieri għal tmien vuċijiet għall-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk Saverju fil-knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta. Għal din il-festa wieħed għadu jista' jsib il-*motet* sagru *Det Tuba Clangore*, kompożizzjoni li mhix datata. *Beatus Vir qui inventus est* huwa *motet* sagru ieħor, illi jmur lura sal-1652 u għalhekk sal-lum huwa meqjus bħala l-eqdem kompożizzjoni miktuba minn kompożitur Malti. Il-partijiet ta' dan il-manuskritt jinsabu miżmuma b'reqqa fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina. Kemm għandna għaliex inkunu kburin aħna l-Qriema b'dawn iż-żewġ aħwa! Mhux biss kienu ta' unur għal pajjiżna fejn tidħol mużika sagra, iżda għalina l-Qriema iktar u iktar, minħabba li kienu ta' nisel Qormi.

Tliet snin qabel mewtu, jiġifieri fis-sena 1697, Don Giuseppe rtira mill-pożizzjoni tiegħu, bil-Kapitlu Katidrali jagħżel lil ħuh Domenico bħala s-suċċessur, illi miet fis-sena 1707. B'xorti tajba, qabel mewtu, Domenico għadda l-mużika kollha tiegħu u ta' ħuh Giuseppe lill-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina.

Giuseppe Balzano kkompona wkoll madwar sittax-il antifona, waħda minnhom tkun *Ego Plantavi* meħuda mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin u komposta għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl fil-Kolleġġjata tal-Belt Valletta fejn l-aħwa Balzano kienu jaqdu l-ministeru saċerdotali. Notevoli f'din l-antifona huwa l-użu tat-timpani, eżempju rari ferm għal dan iż-żmien. Antifoni oħra, minkejja li 'l bogħod mill-istil illi nafu llum huma *O Doctor Optime*, *Hodie Paulus* u *Veni Sponsa Mea*.

Kompożizzjonijiet oħra ta' Don Giuseppe huma tmintax-il quddiesa differenti, waħda minnhom għal tliet korijiet, tnejn pastorali (għal Żmien il-Milied Imqaddes) u oħra

b'sinfonija magħha, 45 salm differenti, bl-akbar numru minnhom ikunu l-*Magnificat* u *Laudate Pueri* li minnhom wieħed jista' jsib għaxra għal kull wieħed u 32 innu. Tnejn minn dawn l-innijiet huma bil-lirika tal-Komun tal-Martri, *Deus Tuorum Militum*. Jekk kinux komposti b'dedika għal San Ġorġ Martri wieħed ma jistax jgħid, minħabba li kif aċċennat, huma miktubin bħala Komun tal-Martri u għalhekk ma jissemmiex isem il-qaddis jew qaddisa, imma min jaf jekk kellux fi ħsiebu li jiddedika mqar wieħed minnhom għall-patrun tal-belt illi tnissel minnha? Kompożizzjonijiet oħra huma tliet sekwenzi u *Te Deum*. Ħuh Domenico ħalla inqas kompożizzjonijiet; wara kollox dam inqas fit-tmun tal-*cappella* Katidrali.

Ikolli nistqarr illi dan il-fatt kien ta' sorpriża għalija, għax qatt ma għaddieli minn moħħi li propju l-ewwel *Maestro di Cappella* Malti kellu jkun propju mnissel mill-Belt Pinto! Għalkemm fittixt, imma s'issa ma rnexxilix insib jekk l-aħwa Balzano qattx kienu involuti mużikalment fil-parroċċa antika Ġorġjana. Kien x'kien u sar x'sar, min jaf? Forsi għad niltaqgħu ma' xi informazzjoni li tista' tixħet dawl fuq l-eżekuzzjonijiet mużikali fil-Belt Pinto f'dan iż-żmien. Ta' min forsi għad tissemma xi triq għal dawn iż-żewġ kompożituri, li sfortunatament ma tantx nafu bihom, imma għall-grazzja ta' Alla l-Imbierek nistgħu ngawduhom permezz tal-kompożizzjonijiet tagħhom, illi ma jmutu qatt minkejja s-sekli li għaddew minn fuqhom.

Nieħu l-opportunità sabiex irrodd ħajr lill-Editur u lill-Kumitat Festi Esterni talli ta' kull sena jafdawni b'kitba f'din il-pubblikazzjoni. Nawguralhom ilkoll *Ad Multos Annos* ta' ħidma b'risq beltna, il-festa Ġorġjana u l-kultura ta' pajjiżna. Lil marti Marouska, lill-Qriema kollha minn tarf sa tarf, lill-Ġorġjani Għawdxin, lill-komunità Ġorġjana ċkejkna ta' Birżebbuġa u lil dawk kollha li jħobbu l-festi u t-tradizzjonijiet, l-isbaħ awguri f'jiem il-festa tal-Imitatur Ewlieni ta' Kristu Irxoxt.

***Referenzi:***

Leaflet maħruġ mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri Ħal Qormi fis-sena 2011 mad-diska kompatta tal-Antifoni
Vella Bondin J. (2016); *The Great Maltese Composers*, Gutenberg Press
Vella Bondin J. (2000); *Il-Mużika ta' Malta sal-Aħħar tas-Seklu Tmintax*; Pubblikazzjonijiet Indipendenza
Azzopardi J, Sansone M (2001); *Italian and Maltese Music in the Archives at The Cathedral Museum of Malta, Volume I*

